A.L. 48 ta' l-1997

ORDINANZA DWAR IT-THARIS MILL-MARD (KAP. 36)

Regolamenti ta' l-1997 dwar l-Importazzjoni ta' Flieles tat-Tjur u Bajd għat-Tifqis

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 84 u 87 ta' l-Ordinanza dwar it-Tharis mill-Mard, il-Ministru tal-Biedja u Sajd, bil-parir tal-Kunsill tas-Saħħa, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:—

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1997 dwar l-Importazzjoni ta' Flieles tat-Tjur u Bajd għat-Tifqis. Titolu.

2. F'dawn ir-regolamenti, sakemm ir-rabta ta' kliem ma tkunx teħtieġ mod ieħor — Tifsir.

"bajd għat-tifqis" tfisser bajd mahsub biex jintuża għat-tifqis u li jkun bajd tat-tjur;

"Direttur" tfisser id-Direttur responsabbli għas-Servizz Veterinarju u tinkludi kull uffiċjal tad-dipartiment li jkun debitament awtorizzat mid-Direttur li jaġixxi f'ismu;

"fellus tat-tjur" tfisser il-wild tat-tjur ta' inqas minn tliet ijiem u jkollu piż ta' inqas minn 185 gramma u ma jkunx intama';

"tjur" tfisser pullam, dundjani, wiżż, papri, farġuni, ħamiem domestiku u ħamiem tat-tiġrija, summien, faġani (gallina), u ħaġel (perniċi).

3. (1) Kull min ikun fi ħsiebu jimporta bajd għat-tifqis u flieles tat-tjur ġewwa Malta għandu, mhux aktar tard minn 24 siegħa qabel il-ħin propost ta' importazzjoni, jagħti lid-Direttur avviż bil-miktub fil-formula murija fit-Tieni Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti. Avviż lid-Direttur.

(2) Id-Direttur jista', fid-diskrezzjoni tiegħu, jaċċetta avviż fi żmien iqsar ħekk kif jista' jidħirlu raġonevoli.

(3) Id-Direttur jista' wkoll jordna li l-kwantità ta' bajd għat-tifqis u flieles tat-tjur li għandhom jiġu importati għandha tkun limitata għal dak l-għadd li huwa jista' jistabbilixxi wara li jqis kemm tiflaħ tieħu l-*hatchery* ta' l-importatur jew ir-razzett għat-tnissil.

(4) L-importatur jista' jimporta kwantità iżgħar minn dik murija fl-avviż imsemmi fil-paragrafu (5) ta' l-Ewwel Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti.

Kategoriji ta' flieles.

4. Għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti, dawn il-kategoriji ta' flieles għandhom jitqassmu kif ġej:

(a) Flieles għall-ikel (flieles li jitħaxxnu u jinqatlu qabel ma jaslu fi stat riproduttiv)

(b) Flieles għall-produzzjoni tal-bajd (flieles maħsubin li jitrabbew għall-produzzjoni ta' bajd għall-konsum)

(ċ) Flieles għal dawn iż-żewġ għanijiet

(d) Flieles *parent stock* (maħsubin għall-produzzjoni ta' bajd għat-tifqis kummerċjali)

(e) Flieles *grandparent stock* (jew flieles li ma jkunux kummerċjali jew flieles *parent stock*).

Reati u pieni.

5. Kull min jimporta jew jittanta jimporta f'Malta, jew ibigħ, jesponi, iżomm jew joffri għall-bejgħ jew xort'oħra jikkummerċa jew jagħti lid-dipendenti tiegħu b'obbligu ta' kuntratt, bajd għat-tifqis jew flieles tat-tjur bi ksur ta' dawn ir-regolamenti, jew ifixkel jew ma jħallix li ssir l-ispezzjoni jew il-verifika jew li jittieħdu kampjuni jew jirrifjuta jagħti informazzjonijiet jew li juri d-dokumenti li jitolbu l-uffiċjali tal-kontroll jew xort'oħra jikser id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, ikun ħati ta' reat kontra d-dispożizzjonijiet tat-Taqsimiet II u III ta' l-Ordinanza dwar it-Tħaris mill-Mard.

Kundizzjonijiet għall-importazzjoni.

6. Bajd għat-tifqis u flieles ta' żmien jum għandhom jissodisfaw il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Ewwel Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti.

L-EWWEL SKEDA

Regoli li jirregolaw l-Importazzjoni ta' Bajd għat-Tifqis u Flieles ta' Żmien Jum

(1) Il-bajd għat-tifqis għandu jkun immarkat individwalment mill-produttur b'inka sewda indelibbli. Il-marka għandha tindika l-istabbiliment ta' oriġini u l-*batch number* b'figuri li ta' mill-inqas għandhom ikunu 2 millimetri f'dak li hu għoli u millimetru f'dak li hu wisa'.

(2) Il-bajd għat-tifqis għandu jkun ippakkjat f'pakki nodfa għal kollox li jkun fihom biss bajd għat-tifqis ta' l-istess speċi, kategorija u tip ta' tjur li joriġina fi stabbiliment wieħed u li fuqhom għall-inqas ikollhom stampati b'inka sewda indelibbli l-kliem"EGGS FOR HATCHING". L-ittri għandhom ta' l-inqas ikunu għoxrin (20) millimetru f'dak li hu għoli u għaxar (10) millimetri f'dak li hu wisa'.

(3) Il-bajd għat-tifqis li ma jkunx immarkat jista' jiġi aċċettat jekk dan ikun ippakkjat f'pakki nodfa għal kollox li jkunu ssiġillati b'tikketta *tamper-proof*. It-tikketta għandha tkun immarkata bl-użu ta' inka sewda indelibbli b'figuri li ta' mill-inqas għandhom ikunu għoxrin (20) millimetru f'dak li hu għoli u għaxar (10) millimetri f'dak li hu wisa' u għandu jkun fihom dan it-tagħrif li ġej:—

(a) l-għadd ta' bajd għat-tifqis;

(b) l-ispeċi;

(ċ) in-numru ta' reġistrazzjoni ta' l-istabbilimenti ta' oriġini;

(d) l-isem u l-indirizz ta' l-istabbiliment;

(e) id-data ta' l-ippakkjar.

(4) Il-pakki użati għat-trasport tal-flieles għandu jkun fihom flieles ta' l-istess speċi, kategorija u tip ta' tjur prodotti fl-istess razzett tat-tifqis. Kull pakk għandu jkun immarkat b'dan it-tagħrif li ġej:

(a) l-ispeċi;

(b) il-pajjiż ta' oriġini;

(ċ) l-isem u l-indirizz tal-fornitur.

(5) Ma' kull konsenja ta' bajd għat-tifqis jew flieles għandu jkun hemm liċenza ta' importazzjoni u dokument li ta' mill-inqas għandu juri dawn id-dettalji li ġejjin:—

(a) l-isem u l-indirizz ta' l-istabbiliment;

(b) in-numru ta' reġistrazzjoni tiegħu;

(ċ) l-għadd ta' bajd jew flieles mibgħuta, klassifikati bl-ispeċi, kategorija u tip;

(d) id-data meta mibgħuta;

(e) l-isem u l-indirizz tal-kunsinnatarju.

(6) Kull konsenja ta' bajd għat-tifqis jew flieles għandha tkun akkumpanjata minn ċertifikat zoo-sanitarju internazzjonali li jkun fih dan it-tagħrif li ġej, u kull tagħrif ieħor jew assigurazzjonijiet elenkati mis-Servizzi Veterinarji.

(Dan iċ-ċertifikat, fil-forma li ġejja, għandu jiġu konsenjat lit-Taqsima tas-Servizzi Veterinarji mal-wasla).

I. Isem tal-pajjiż li jesporta

Ministeru ta'

Dipartiment ta'

Provinċja, Distrett, eċċ.

II. Identifikazzjoni tal-flieles tat-tjur jew bajd għat-tifqis

Għadd

Marka

Speċi

Razza

III. Oriġini

L-isem u l-indirizz ta' l-istabbiliment ta' oriġini jew razzett tat-tifqis ta' oriġini.
L-isem u l-indirizz ta' l-esportatur

IV. Destinazzjoni

Pajjiż
L-isem u l-indirizz tal-kunsinnatarju
Ix-xorta u l-identifikazzjoni tal-mezz ta' trasport
Tip ta' kontenitur

V. It-taghrif sanitarju mehtieġ huwa ċertifikazzjoni minn veterinarju uffiċċjali illi l-flieles jew bajd ikunu ġejjin minn stabbiliment jew razzett tat-tifqis li jiġu regolarment spezzjonati u li jissodisfaw dawn il-htiġijiet li ġejjin:—

(a) illi r-razzett ta' oriġini kien hieles mill-Kolera tat-Tjur, *Mycoplasmosis* u *Salmonellosis* matul id-90 jum qabel l-esportazzjoni.

(b) illi ma kienx hemm każi ta' *Newcastle Disease* u Pesta tat-Tjur fir-razzett minn fejn ġew il-flieles jew bajd jew f'distanza ta' 10 kilometri mir-razzett matul is-sitt xhur qabel l-esportazzjoni.

(ċ) illi l-bajd ġie diżinfettat skond il-proċeduri ta' l-O.I.E.

(d) illi l-*parent stock* ġie vaċċinat bl-użu ta' programm ta' vaċċinazzjoni approvat mill-awtoritajiet veterinarji tal-pajjiż ta' oriġini.

(e) data u lokalità tal-ħruġ.

(f) l-isem u l-indirizz tal-veterinarju.

(ġ) firma u timbru.

IT-TIENI SKEDA

(I) Avviż tal-Ħsieb għall-Importazzjoni ta' Bajd għat-Tifqis jew Flieles għat-Tjur

Isem ta' l-importatur .....

Isem u indirizz ta' l-istabbiliment .....

.....

Numru ta' Reġistrazzjoni .....

(II) Avviż dwar il-Bajd għat-Tifqis (Imla din il-parti jekk dan japplika)

Għadd li għandu jiġi importat .....

Speċi: Tiġieġ Papri

Kategorija: .....

Tip: .....

(III) Avviż dwarFlieles tat-Tjur (Imla din il-parti jekk dan japplika)

Għadd li għandu jiġi importat .....

Speċi: Pullam Papri

Dundjan Fargħuni

Wiżż

B 292

Kategorija:

A Flieles għall-ikel

B Flieles għall-produzzjoni tal-bajd

C Flieles għal dawn iż-żewġ għanijiet

D Flieles *Parent Stock*

E Flieles *Grand parent Stock*

Tip: .....

(IV) (Biex timtela fil-każ il-wieħed u l-ieħor)

Pajjiż ta' oriġini: .....

Isem u indirizz tal-kunsinnatarju: .....

.....

Dettalji tal-Vapur/Ajruplan li permezz tiegħu għandha ssir l-importazzjoni ....

.....

(V) Firma ta' l-importatur .....

Data u hin .....